**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum id-19 ta' Novembru, 2024**

**Rikors numru: 47/2024/CV**

**Nicky Taliana**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors huwa appell fir-rigward ta' Avviz ta' Penali Amministrattiva mahrug fid-29 ta' Lulju 2024 (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok A).*

2. *Illi s-soċjeta' Polidano Brothers Limited kienet qed tagħmel xi xogħol fis-sit 4, Sunflower, Dawret Hal Ghaxaq, Triq Birzebbuga, Ghaxaq, filwaqt illi l-appellant kien il-maniger tal-istess sit.*

3. *Illi permezz ta' dan l-Avviż, l-Awtorita' għarrfet lill-appellant illi:*

***Nuqqas ta' barrikati u mhux msakkra b'aċċess miftuħ għall-pubbliku inkluż tfal. Gialadarba dan l-aġir jikkostitwixxi ksur ta' Regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 623.08, bis-saħħa ta' l-istess Liġi, kif ukoll fuq dak li jipprovdi l-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' qiegħda timponi fuqek Penali Amministrattiva fl-ammont ta' Ħames Mitt Ewro (€500).***

*4. Illi l-appellant hassu aggravat minn din id-deċiżjoni fil-konfront tieghu u minnha qed jinterponi dan l-umli appell;*

5. *Illi l-ewwel l-aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-appellant mexa b'mod assolut mar-rekwiżiti li jemerġu mal-Kap 623 kif ukoll mal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08, u b'mod speċifiku mal-obbligu tal-ħarsien tas-sigurta' ta' terzi;*

6. *Illi l-unici istanzi meta infethu l-barrikati kienu meta l-kuntrattur kien qed jdahhal u johrog it-trakkijiet u l-makkinarju tieghu ġewwa u mis-sit. Wara li sar dan l-ezercizzju, dejjem inghalaq l-access għal ġos-sit b'mod assolut u immedjat mill-appellant.*

7. *Illi fid-dawl tas-suespost, b'kull dovut rispett lejn l-Awtorita' appellata, huwa inkonċepibbli kif l-appellant qed jiġi penalizzat minhabba f'hekk.*

8. *Illi ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jilqa' dan l-aggravju;*

9. *Illi r-rimedju mfittex mill-appellant huwa t-thassir u r-revoka tad-deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-appellant filwaqt li jirrizerva d-dritt li jressaq provi ulterjuri u jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka u jhassar 1-Avviz ta' Penali Amministrattiva u d-decizjoni mehudha mill-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni fl-ismijiet u d-dati premessi u dan taht kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni u b'rizerva ta'kull azzjoni ohra legali spettanti lill-appellant.*

Ra r-risposta tal-Awtorita’ li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita’ ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f’kull aspett;*

2. *Illi hekk kif ser jkun ipprovat fit-trattazzjoni tal-appell, l-access ghas-sit ma kienx adegwat, di fatti meta saret l-ispezzjoni mil-ufficjali tal-Awtorita’ instab li ma kienx hemm gheluq adegwat, hekk kif jidher mil-annessi ritratti, immarkati Dok A;*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita’ appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra li permezz ta’ digriet ta’ nhar it-18 ta’ Ottubru, 2024, it-Tribunal laqa’ t-talba sabiex tiġi sospiża d-deċiżjoni tal-Awtorita’ ta’ nhar id-29 ta’ Lulju, 2024.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta penali amministrattiva maħruġa fil-konfront tal-appellant bħala l-maniġer tas-sit ta' kostruzzjoni fl-indirizz 4, Sunflower, Dawret Ħal-Għaxaq, Triq Birżebbuġa, Għaxaq u kif ukoll il-waqfien tax-xogħlijiet fuq is-sit. Il-bażi tal-avviż hija '*Nuqqas ta' barrikati u mhux msakkra b'aċċess għall-pubbliku inkluż tfal'* u dan kif jirriżulta mill-Avviż maħruġ mill-Awtorita' intimata nhar id-29 ta' Lulju, 2024.

It-Tribunal qed jipproduċi artikolu 6 mit-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 340 tal-2022 li jistipula l-mod ta' kif għandhom jinbnew il-barrikati:

*6. Il-klijent għandu jtella' barrikati ta' l-injam jew metall Barrikati.*
*sabiex jagħlqu u jevitaw aċċess lil persuni mhux awtorizzati tant li:*

*(a) il-barrikati għandhom jinbnew b'mod sod u*
*b'għoli ta' mhux inqas minn żewġ (2) metri bejn is-sit u lpassaġġ*
*pubbliku jew biex jimblokkaw kompletament ilpartijiet*
*miftuħa tas-sit sabiex jipproteġu l-pubbliku u l-propjetà*
*mobbli jew immobbli ta' terzi;*

*(b) il-barrikati għandu jkollhom uċuħ lixxi fin-naħa li*
*tħares fuq il-passaġġ pubbliku u m'għandhom ikollhom l-ebda*
*ftuħ ħlief dak meħtieġ għal aċċess awtorizzat;*

*(ċ) ftuħ għal aċċess mill-barrikati għandu jkun maghluq bi xtiebi li għandhom jinżammu magħluqa u msakkra meta ma jkun hemm ħadd fis-sit, u għandhom jibqgħu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità. Dawn ix-xtiebi għandhom ikunu disinjati b'manjiera li timblokka laċċess għall-pubbliku, b'mod speċjali dak tat-tfal;*

*(d) kull xatba għal aċċess ġo sit użat mill-makkinarju għandu jkollha dwal ta' twissija li jiġu mixgħula waqt id-dħul u l-ħruġ ta' dan l-makkinarju jew ikun hemm banksmen sabiex javżaw lis-sewwieqa jew lill-pubbliku ġenerali bil-mogħdija ta' makkinarju.*

Il-partijiet għażlu li ma jipproduċu ebda xhud in sostenn tal-każ tagħhom. L-Awtorita' għażlet li tipproduċi żewġ ritratti, filwaqt li l-appellant ikkontesta li l-aċċess kien magħluq u kien jinfetaħ biss għal individwi awtorizzati.

It-Tribunal jinnota li r-ritratti preżentati ma ġew ikkonfermati mill-ebda rappreżentant.

Wara li fela r-ritratti preżentati it-Tribunal ma jarax b'liema mod hemm nuqqas ta' barrikati. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm aċċess għall-pubbliku inkluż tfal. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2024.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal qiegħed jilqa' l-appell u qed jirrevoka l-ordni tal-Awtorita' intimata ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2024 li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) u kif ukoll l-ordni li permezz tagħha ġew imwaqqfa x-xogħlijiet fuq is-sit in kwistjoni.

********************VERU KOPJA TAL-ORIĠINAL********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Robert Sarsero** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |